# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

| 137. | 29 ta' APRIL 1911. | IT-TIELET SENA |
|---|---|---|

FTEHIM.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.

# IS-SAUMA TAGHNA

F'il għaxra ta' dana ix-xahar jiena ktajt is-saŭma tiegħi ŭara li għaddejt ERBGHIN ĠURNATA SHAĦ LI FIHOM MA ĦADT XEJN ĦLIEF ILMA BISS. Il mara tiegħi għamlet TLIETA U TLIETIN ĠURNATA BL-ILMA BISS UCOLL.

Bosta huma daŭc li ma emmnuniex u li kalu li aħna gdibna u li għamilna hecc biex nidħku b'in-nies għaliex id-dar conna nieclu għad li ma'n-nies conna ngħidu li le. Lill daŭna aħna stampajnilhom f'il «*Gazzetta di Malta*» ta't 22 ta' dana ix-xahar sfida ta' MĦATRA GHAL MITT LIRA STERLINA li jiena u marti nerġgħu f'ix-xaħar ta' lulju nagħmlu saŭma għal erbgħin ġurnata bla ma nieħdu xejn fihom ĦLIEF ILMA BISS. Aħna immorru f'lucanda u min jagħmel l-imħatra jokgħod magħna bla ma jerħina xejn biex ma ncunux nistgħu bl-ebda mod inkarrku bih u nieclulu xejn, u jecc nonksu li nieclu l-ankas ħaġa kabel l-erbgħin ġurnata m'hux biss nitilfu il mitt lira iżda inħallsu ucoll l-ispejjes li jcunu saru. Għaldakstant jecc hemm xi ħadd li għadu jaħseb li aħna dħakna b'il poplu jmissu jaċċetta dina l-imħatra u jictibli biex niddepositaŭ b'cuntratt għand nutar dina il mitt lira. Daŭna huma fatti u m'hux cliem.

* * *

Kalu ucoll ħafna ħmierijiet li ħassna ħażin, li ma conniex nifilħu iżjed u x'naf jien u insultaŭna u kass'su fukna bl-actar mod icreħ u baxx li lankas fl-actar pajjisi barbari ma chien ħadd ijġib ruħu hecc ħażin. Dana ma chien minnu xejn għaliex tant jien chemm ucoll marti katt ma ħassejna ruħna aħjar actar minn meta conna sajjmin u bkajna nakdu id-dmirijiet tagħna sa'l aħħar.

Jecc għolobna hi ħaġa naturali ħafna għaliex meta ŭieħed ijkatta erba jeŭ ħames ġimgħat jiecol minn ġismu u jgħix fuk l-ilma biss ma jistax ma jonkosx, iżda billi ŭieħed jogħlob, la ma jcunx marid, ma jfisserx li jcun kiegħed jitlef jeŭ ijnakkas xejn minn saħħtu.

Fl-aħħar ġurnata (40) jiena mort l-Isptar fejn eżaminani seŭŭa it-Tabib Galizia, li hu ŭieħed m'il actar ta' ħila u intelligenti li għandna, u dana m'hux talli sabni f'collox kaŭŭi u sħiħ iżda ucoll sabli għad b'id-dinamometru is-saħħa ta' 75 libbra, saħħa li fost ħdax ir-ruħ li ippruvaŭ miegħi u li ma chienux sajjmin tnejn biss immarcaŭ saħħa actar minni. It-Tabib Galizia kalli li jiena stajt nokgħod sajjem għal għaxar t-ijiem oħra chiecu ridt, iżda jiena ma dehirlix li chelli ncompli actar. Meta Dr: Tanner għamel dana l-esperiment f'New York ta' erbgħin ġurnata kala ma'l mitt elf lira sterlina billi cull min chien ijmur jaraħ chien ijħallas dollaru. Jiena għamilt l-erbgħin ġurnata daksu u ma klajtx ħlief mitt elf insult u pastażata u ħafna minnhom minn nies educati (għal ġieħna) u ta'l professjoni ucoll bħalli chiecu għamilna xi ħaġa m'hux xierka jeŭ li ma chellniex il jedd fuk il persuna tagħna.

Fl-Eŭropa ħadd ma laħħak erbgħin ġurnata għaliex Succi li kala tant flus mn'hecc katt ma laħħak actar minn tlietin ġurnata u b'ħafna caŭtieli; u dac li għamlet marti għadu ma għamlu ħadd billi l-ebda mara għadha ma laħħket sajjma żmien tŭil hecc. Mela chiecu conna pajjis ieħor m'hux talli conna niddubbaŭ chemxa flus iżda ħafna tifħir ucoll talli chellna il ħila nagħmlu biċċa bħal din u haŭn Malta ma klajniex ħliet id-daħk u iz-żebliħ tista tgħid ta' cullħadd billi f'loc li daħku ftit bl-injoranza grassa tagħhom dehrilhom li għandhom jidħku b'dac li sejjħu ġenn tagħna.

Frattant dina il cura ġa bdeŭ jagħmluha xi nies intelligenti u fostom xi tobba u illum smajt li il mara ta' Professur u tabib,

bravu ħafna ġa ùaslet f'il ħmistax il ġurnata ta's-saùm taghha u li ġa sùielha ta' ġid cbir ħafna.

Nitma ghalhecc li daùc stess li riedu jghaddu iż-żmien bina u li żebilħuna ħafna li jixoghlu u li jintebħu m'il injoranza taghhom u li huma stess jaghmlu dina il cura tant tajjba biex jaraù chif meta xeghlu contra taghna b'mod hecc icreħ ma chellhom ħlief tort biex ijbieghu.

Aħna minn dina il cura ma nistghux inghidu ħliet ġid cbir u nixtiek li nati cull daùl u cull ghajnuna lil daùc li jitħajjru li jaghmluha ghal ġid cbir ta' saħħithom u biex jintebħu li meta jiena xandart dina il cura ma chellix f'moħħi ħlief li naghmel xi ftit ta'l ġid lil min ghandu bżonnu ghal saħħtu.

## FRAC.

In-«Naħla» ucoll trid issamma leħinha biex tifraħ b'il kalb collha lil maħbub Iskof taghna Pace, talli ghalak it-tmienin sena. Nixtiekulu li Alla jseddku u jcompli jcattarlu sninu, imfaùùra b'is-saħħa u il ħena, ghall ġid ta'l erùieħ u biex ijmixxi dejjem il kuddiem il Cnisja taghna f'iż-żmienijiet kliel li tinsab fihom.

Ad multos annos.

★

IN-«NAHLA» M'IL-LUM IL KUDDIEM TIBDA TOHROĠ B'IL GHADD U M'HUX B'IL FORZ CULL ĠIMGHA BIEX JECC XI DARBA JCUN IJHOSSNI HAŻIN JEÙ IJCOLLI X'NAGHMEL HAFNA F'XI XOGHOL LI MINNU NAKLA X'NIECOL MA JCUN JISTA JGEMGEM HADD. DAÙNA IT-TLIET XHUR LI MIEXJIN FIHOM JISPIĊĊAÙ B'IN-NUMRU 143 U GHALHECC MIN HALLASHOM JAHBATLU L-ISTESS GHALIEX TA' FLUSU JIBKA JIEHU GHADD TA' NUMRI BHAL KABEL.

**A. LEVANZIN.**

★

B'ghafsa ta' kalb cbira irħabbru il meùt ta's-**Sinjura Aida Bìda**, mart il maħbub minn cullħadd, is-Sur Salv Zammit, li ġrat da'l ġranet f'Milan fejn chienet tinsab biex ticcura ruħha. Ghal l-imġieba taghha ħelùa u gha't.tjubija ta' kalbha dina is-Sinjura tant intelliġenti u ghaklija chienet ġibdet fukha ir-rispett ta' cullħadd u ghalhecc nitma li ħadd ma jonkos li ma jitlobx l-Alla ghall mistrieħ ta' ruħha.

★

Is-Sur Roupell sejjer jitlak minn ma'l Gvern ghal collox u sejjer ijsiefer. Jiddispjacina tasseù ghaliex dana is-Sinjur ingliż chien ùieħed minn daùc li jħobb il Maltin ùisk u ghalhecc fih sejjrin nitilfu ùieħed m'il aħjar ħbieb li chellna.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha aħjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseù.**

# L-Ilsien Taljan f'Malta.

( *Jissocta minn numru ta' kabel* ).

Haùn l-eùùel ùieħed li lakaghni ħafna chien l-imfaħħar Avucat A. Martino, is-Sindcu li tani dina l-adesjoni : —

**«Messina che ha avuto sempre un culto pei grandi ideali non può restare indifferente di fronte ai palpiti generosi del Popolo Maltese per la difesa della propria nazionalità. In nome della mia Città faccio l'augurio che quella gentile popolazione possa trionfare nella lotta ingaggiata.»**

**17 Agosto 1903. AVV: A. MARTINO.**

* * *

Akraù din issa ta'l imfaħħar letterat u poeta E. G. Boner li miet mirdum taħt il cnieter terremot bħa's-Sindcu Martino. Katt ma ninsa chemm lakaghni tajjeb f'S. Francesco al Ringo fejn chien jokghod billi chien ħelu u dħuli tasseù.

**«Malta, italiana per geografia, per istoria, per lingua, sta per vedere infranto l'ultimo vincolo che la legava idealmente alla gran madre Roma. Chi lotta generosamente perchè questo legame non sia reciso, chi soffre combatte e spera nel sacro intento di fare sempre risonare sulle onde azzurre e per le verdi campagne melitensi l-armonia dell'italico materno idioma, si avrà il plauso di ogni non degenere italiano, e il fantasma luminoso di Dante lo benedirà auguralmente dall'alto del nostro gran cielo comune.»**

**E. G. BONER.**

* * *

Ùarajh mort ghand l-imfaħħar letterat, criticu u poeta l-ieħor Giovanni Alfredo Cesareo li issa kieghed f'Paliermu, bħala Professur ta'l Letteratura Taljana ta'l Università ta' hemm. L-adesjoni tieghu hi ftit kaùùija u jiena ma nakbelx mieghu billi jidhirli li il popoli gha'd-drittijiet taghhom ghandhom biss jakbżu bl-arma li tatihom il-ligi, iżda ġa la darba tinsab mictuba fl-album tieghi sejjer inġibha ecc m'hux ghal ħaġ'oħra biex tcunu smajtu il fehma ta' cullħadd.

**«Il diritto nazionale di Malta è sacro e imprescrittibile. La violenza non lo frange, ma lo rafferma, e dà ideale rilievo d'eroismo a tutti gli sforzi che il popolo generoso dell'isola compie in difesa della sua grande tradizione italiana, della sua antica dignità di razza libera e fiera. Or quando la forza diventa arbitrio, allora la sommossa si chiama rivoluzione: e la rivoluzione è il diritto supremo di tutti gli oppressi.»**

**G. A. CESAREO.**

* * *

Il Prof: Francesco Faranda, l-avucat tant famus ta' Messina li ismu ġera ma'd-dinja collha, Commendatur ta'l Curuna d'Italja u ùieħed minn daùc li ħalku il Codiċi Taljan, ùara li lakaghni ħafna, chitibli:—

**«Se il diritto della forza ha tolto all'Italia la più bella e la più forte delle sue isole, la forza del diritto la restituirà alla sua gran Madre. Malta sarà quale la fecero le sue storiche vicende nel passato forte e gloriosa. Lottare per quel trionfo è opera di chiunque ha cuore e mente d'Italiano.»**

**FRANCESCO FARANDA.**

* * *

F'is-sabiħa villa Landi, f'Val Boccetta sibt lil imfaħħar poeta ta'l «Vox Rerum» Tommaso Cannizzaro li hu magħruf minn cullmin jakra l-aħjar rivisti taljani. Dana m'hux biss lakaghni bla tarf iżda immprovvisali malajr dina l-istrofa ħelùa : —

## AD AGOSTINO LEVANZIN.

### IMPROVISE.

—

A tanti eletti nomi ultimo il nome mio
Qual granello di sabbia nel mare aggiungerò ;
Va, combatti e trionfa pel linguaggio natio ! .......
Ne l'idioma è la patria, e nella patria è Dio,
In esso arde il pensiero— spegner nessun lo può !

17 Agosto 1903, TOMMASO CANNIZZARO.

Dana il bniedem gharef li ghoddu tilef ghajnejh bl-istudju ghal ftit ma bakax mirdum f'it-terremot. Issa mar ijghix f'Catania.

( *Jissocta* .)

## IŻ-ŻGHURIJA.

O żmien ħelu, żmien ta' ghaxka,
Colloc kbiż u raġġ u merħ !
Cull ma tara ŭard u żahar,
Ghalic collox ħena u ferħ !

Malli ix-xemx int tilmaħ tiddi
Sa ma tghiblec f'il-ghaxija,
Bla ma teħda, bla ma teghja,
Colloc faraġ u tħennija.

B'dic il ħleŭŭa ta' ghamilec
Inti tghaxxak lil cullħadd,
Jiena nħoss li iġġibli ghejra,
Ma tarġax tħennini katt !

Il kalb tieghec collha safja,
L'ebda mrar ma jghammar fiha;
Cull ma taghmel collu seŭŭa,
Collu xierak hu ghaliha !

Jien nitghaxxak b'dac ghamilec
Meta nilmħu bl-ebda ħtija,
Hleŭŭa t-anġlu nara tiddi
F'dana 'l ħena ta'ż-żghurija.

Iżda il ħena fis ijgħaddi
Ma d'aż-żmien minn ta'ż-żghurija;
Jecc ma taħseb ghal ŭarrani
Lilec jisfa ġuħ, tbatija !

(*M'is-«Sebħ.»*) G. Z.

## MONS: PORTELLI

Smajt bi pjacir cbir li il consagrazjoni ta'l Iskof Portelli sejjra issir f'loc f'Ruma, chif chienu kalu kabel, f'San Ġŭann taghna, f'is-7 ta' mejju li ġejj, mn'iden l-Iskfijiet Pace, taghna, Camilleri ta' Ghaŭdex u l-Iskof ta' Taranto Dumnican. L-aħħar consagrazjoni li saret chienet dic ta'l Iskof Ġaffiero.

Nitma li biex jaraŭ dina il festa sabiħa jmorru ħafna nies u lill Iskof Portelli nixtiekulu b'il kalb ghomor tŭil biex ijcun jista jaghmel ħafna ġid f'il kasam ta'l Mulej.

## L'ILTIMA.

Jien tifla Itima—Imbiegh il fjuri,
B'dina il bixchilla—M'at-triek indur,
Niġri u nghajjat—Ŭara 's-sinjuri :
—«Min jixtri ŭarda ?—Min jixtri fjur ? »

Ŭard jiena ghandi—U fjuri sbieħ,
Ktajthom da'l ghodu—Bicri m'il ġnien;
Ma minn di'l ŭarda—Jien katt ma nbiegħ,
Ghax bħal ġmiel taghha—Ma nara mchien.

Hedin il ŭarda—Chienet taħbieli
Ommi il ghażiża—L' hemm fuk tinsab;
Haŭn hecc fuk sidri—Ghad taraŭhieli,
Meta ma' ġenbha—Ncun kalb it-trab.

Malli taħbieli,—Chemm cont ferħana !
Niftacar, chelli—Xi seba' snin,
Min chellu jghidli,—Li 'l firda taghna
Chellha tisŭieli ?—Ah x'chelma din!

Fjur ghażiż tieghi,—Jien nibka' mieghec;
Xejn taħseb inti—Li se' nħallic;
Le, haŭn fuk sidri—Jibka il-loc tieghec,
Sa geŭŭa 'l kabar—Nieżżejjen bic !....

Ommi tatuli—B'tifchira taghha,
Li jiena nbighu—Dan ma jcun katt !
O meŭt fejn inti ? —Hadni hemm fuk maghha;
Hau x'nibka,' naghmel—Ma ghandi 'l ħadd....!

E. C.

(*M'is-«Sebħ»*) (*Ed: Cachia*)

## TLAKKIT.

F'ix-«*Scena Illustrata*,» ir-rivista taljana tant sabiħa li toħroġ f'Firenze, chien hemm dan l-aħħar, articolu sabiħ ħafna fuk ŭaħda sinjurina tedesca, Miss Hilda Maertek li ghamlet, dan l-aħħar, saŭma ta' TLIETIN ĠURNATA, u saħansitra ġibulha ir-ritratt taghha. Ghamlu seŭŭa gnaliex Barra hemm min jifhem f'daŭn l-affarijiet u jafu lil min jaghmilhom jatuh it-tifħir li ħakku. Iżda lill marti li ghamlet saŭma ta TLIETA U TLIETIN ĠURNATA u li daksha f'id-dinja ghaca ma laħħket l-ebda mara haŭn f'dana il pajjis *matur* tasseŭ ma imleŭhiex ħlief b'il pastasati l-actar coroħ u bl-insulti saħansitra f'it-triek. Dana juri li ghadna ħafna l-ura biex naslu ħalli ncunu nistghu naħcmu ruħna b'idejna.

* * *

Hakku tasseŭ tifħir il Cav: Nap: Tagliaferro talli sab ghar f'Burmeħez, ftit boghod m'il Imkabba, li fih chienu jindifnu xi ftit m'il eŭlenin nies li ghammru f'il gżejjer taghna u li kabel dana u kabel li sab ftit ilu il Prof: Temi Zammit f'Bucana ħdejn H'Attard ma conniex ghadna nafu chif chienu jindifnu missierijietna. Ma dana sab ucoll xi xakkuf antic ħafna u li jista jfehimna fejn chienu ŭaslu is-snajja f'daŭc iż-żmienijiet. Da'l granet f'Ghaŭdex f'ir-Ramla rajt ucoll il banju roman li sabu m'ilhomx u li hu interessanti ħafna. Daŭna il ħafna scoperti jisŭeŭ ħafna biex nifhmu aħjar l-istorja antica taghna.

# AKRAU

L-EUUEL TAKSIMA

TA'R=ROMANZ MALTI ORIGINALI

## "IS-SAHHAR FALZUN"

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GHALIEX TOGHGOBCOM SGUR.

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD=DEHEB

GHAL

KAUUA IT=TOGHMA U IS=SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR=RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

## C. CAMILLERI & SONS

50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccurau rŭiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jintlakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26 Il Belt.

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

# L-Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U ĦŬEJJEĠ OĦRA M'IL AĦJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRĦAS TAS-SEŬ, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U ĦADHA **F'IL HANUT TA' HDEJH SEUUA** LI HU ŬISK ACBAR U ISBAĦ U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AĦJAR U B'ACTAR ĦEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MINN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GHAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club seuua**.

Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'G-demm) u jrid ijfiek fi GHOXRIN ġurnata jieħu



**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ilara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux mahsus b'in-nervi u l-actar b'il mistuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.